14 ta' Marzu, 1955

Imħallef:

Onor. Dr. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

*Angelo Gauci versus Onor. Dr. Louis Galea, O.B.E., ne.*

**Digriet tas-Sekond'Awla — Appell — Revoka — Liberazzjoni "ab observantia" — Art. 36 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Id-dispożizzjoni tal-liġi li tgħid illi mid-digrieti tas-Sekond'Awla ma jingħatax appell tfisser evidentement illi minn dawk id-digrieti ma jistax isir appell lill-Qorti tal-Appell; iżda min jidhirlu li jkun aggravat minn digriet tas-Sekond'Awla għandu jagħmel kawża quddiem il-Prim'Awla.*

*It-talba, però, li ssir quddiem il-Prim'Awla ma għandhiex tkun għar-revoka tad-digriet, imma għall-provvediment meħtieġ; u fit-talba għandu jiġi mfisser ukoll il-provvediment li jkun qiegħed jintalab.*

*Fi kliem ieħor, it-talba għandha tkun mhux biss għar-revoka tad-digriet, imma wkoll biex il-Qorti tagħti dak il-provvediment li l-Qorti, fil-każ li ssib ġustifikata l-pretensjoni ta' min jaġixxi, jidhrilha li għandha tagħti.*

*Domanda għar-revoka biss tad-digriet tagħti lok għall-liberazzjoni mill-osservanza tal-ġudizzju.*

Il-Qorti;—Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attur, wara li ,ippremetti illi b'digriet tat-18 ta' Diċembru 1954 is-Sekond'Awla ta' dina l-Qorti laqgħet it-talba ta' l-Attorney General għar-rikoveru tat-tifla minuri tiegħu, li jisimha Andreana, fl-Istitut tal-Bon Pastur, għar-ragunijiet imsemmija fir-rikors preżentat mill-Attorney General fit-30 ta' Novembru 1954; u illi huwa ħass ruħu aggravat b'dak id-digriet, għar-raġuni li hu għandu l-patrija potestà ta' bintu, u l-ebda dispożizzjoni tal-liġi ma tagħti l-fakoltà lill-Attorney General li jagħmel dik it-talba, u anki għaliex il-ġenituri tat-tifla qegħdin jieħdu kura tat-tifla, u qegħdin jieħdu prekawzjonijiet speċjali mindu saru jafu bl-aġir tat-tifla, u għal raġunijiet oħra li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża; jitlob illi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u l-provvedimenti opportuni, għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti tirrevoka d-digriet numru 1514 tas-sena

1954, mogħti mis-Sekond'Awla ta' din il-Qorti fit-18 ta' Diċembru 1954. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, li hu inġunt għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur;

Rat *in-nota ta' l-eċċezzjonijiet* tal-konvenut fil-kwalità tiegħu fuq imsemmija, li biha jeċċepixxi preliminarment illi d-domanda attriċi għar-revoka tad-digriet impunjat ma tistax isseħħ; minn iħossu aggravat minn digriet tal-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja ma jistax, skond il-liġi, jitlob ir-revoka jew nullità tiegħu quddiem il-Qorti ta' Gurisdizzjoni Kontenzjuża, *imma għandu jitlob lil dina l-aħħar* Qorti tagħti l-provvediment opportun; mingħajr preġudizzju tal-fuq espost, subordinament, u fil-meritu, illi l-proċedura segwita minnu fil-kwalità tiegħu ġa msemmija, li f'din il-materja jirrappreżenta s-soċjetà, hi ampjament sorretta mill-liġi patrija, notevolment mill-art. 156 u 180 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 23), *li huma dispożizzjonijiet* ta' ordni publiku, kif ukoll mill-prattika ċentenarja, u, għar-rigward tal-każ in ispeċje, mill-fatti wkoll. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, rigward l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut;

*Illi fid-dibattitu orali l-konvenut* issottometta illi t-talba ta' l-attur għar-revoka tad-digriet imsemmi fiċ-ċitazzjoni, mogħti mis-Sekond'Awla ta' dina l-Qorti timporta appell, fil-waqt illi, skond l-art. [illegible] tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili mid-digriet tas-Sekond'Awla ta' din il-Qorti ma jingħatax appell. [illegible] f'din l-eċċezzjoni l-liġi trid evidentement tfisser illi *mid-digriet tas-Sekond'Awla ma jsirx appell* lill-Qorti ta' l-Appell, iżda min jidhirlu illi jkun aggravat minn digriet tas-Sekond'Awla għandu jagħmel kawża quddiem dina l-Qorti; kif appuntu għamel l-attur;

Illi però, kif issottometta l-konvenut fin-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu, it-talba tal-attur ma kienx imissha tkun **għar-revoka tad-digriet fuq imsemmi, imma għall-provvediment meħtieġ, konformement mad-dispożizzjoni tal-liġi fuq imsemmija, u ma' dak li ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Jannar 1866 fil-kawża fl-ismijiet "Bruno vs. Caruana" (Vol. III, 473). Il-liġi hi ċara meta tgħid illi t-talba għandha**

tkun "għall-provvediment meħtieġ" — "for the necessary order" (art. 36 Kap. 15); dak li jidher illi jfisser illi min jagħmel talba simili għandu jispeċifika x'għandu jkun il-provvediment li jkun qiegħed jitlob. Tant hu hekk illi d-dispożizzjoni analoga tal-liġi, qabel ma l-edizzjoni ġiet riveduta, kienet f'dawn it-termini — "per l'opportuno provvedimento" fit-test taljan, u "for the requisite special order" fit-test ingliż. Fi kliem ieħor, fit-termini tal-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi, l-attur kien imissu talab mhux biss ir-revoka tad-digriet fuq msemmi, imma dak il-provvediment li dina l-Qorti, f'każ li kienet issib ġustifikati l-pretensjonijiet tiegħu, kien ikun jidhrilha illi għandha tagħti. Dan apparti, jingħad ukoll, illi bis-sempliċi revoka tal-imsemmi digriet l-attur ma jista' jottjeni direttament ebda provvediment minn dina l-Qorti relattiv għall-pretensjonijiet tiegħu, billi bl-istess revoka r-rikors tal-konvenut quddiem is-Sekond' Awla ta' dina l-Qorti, imsemmi fiċ-ċitazzjoni, jibqa' mingħajr provvediment, jiġifieri la akkolt u lanqas respint;

Illi għalhekk l-eċċezzjoni fuq imsemmija tidher illi għandha tiġi milqugħa;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut, u hekk tilliberaħ mill-osservanza tal-ġudizzju; bl-ispejjeż kontra l-attur.